– GURISDIZZJONI TAL-QRATI U TRIBUNALI MALTIN –
– REGOLAMENT UE NUMRU 1215 TA' L-2012 –
– KUNTRATT TAL-KONSUMATUR –
– KONSUMATUR GHANDU JIGI MFITTEX FIL-QRATI TAD-DOMICILJU TIEGHU –
– PAZJENT HUWA WKOLL KONSUMATUR? –

# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **344/2018**

**SAINT JAMES (CAPUA) HOSPITAL LIMITED**
[REG. NRU. C-14713]

***VERSUS***

**RAY GEORGE NEAVES (PASSAPORT INGLIZ NUMRU 0315181) U B'DIGRIET TAT-12 TA' DICEMBRU, 2018 L-ATTI GEW TRASFUZI U LEGITTIMATI F'ISEM PAMELA MARION NEAVES FIL-KWALITÀ TA' EREDI PREZUNTA TA' L-INTIMAT**

It-Tribunal;

B'Avviz tat-Talba mressaq fis-26 ta' Lulju, 2019, l-attrici talbet li l-konvenut, Ray George Neaves, jigi kundannat ihallasha l-ammont ta' elfejn, mitejn u tmienja u tletin ewro u sitta u tletin ewro centezmi (€2,238.36c) rapprezentanti bilanc tal-prezz[1] ta' servizzi medici u servizzi ohra konnessi u ancillari moghtija lill-istess konvenut skond fattura tas-17 ta' Lulju, 2017[2]. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji marbuta mal-prezenti proceduri u kif ukoll l-interessi legali fuq l-ammont domandat sad-data tal-hlas effettiv.

B'Risposta mressqa fil-11 ta' April, 2019, Pamela Marion Neaves, bhala eredi tad-defunt Ray George Neaves – liema Risposta tressqet mill-Avukat Joseph Camilleri bhala mandatarju specjali ta' l-istess Pamela Marion Neaves – eccepiet hekk:

[1] Ma giex muri x'kien l-ammont komplessiv originali u x'kien l-ammont parzjali saldata minn tali ammont globali.
[2] Tali fattura ma gietx ezibita.

1. Illi l-Qrati jew tribunali Maltin, inkluz dan it-tribunal, m'ghandhomx gurisdizzjoni biex jiddeciedu l-materja odjerna;[3]
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, l-kunsens ta' George Ray Neaves kien vizzjat;
3. Illi George Ray Neaves ma giex infurmat li l-isptar St. James huwa wiehed privat u li l-assigurazzjoni tieghu ma kienetx tkopri tali servizzi minkejja li dan kien maghruf lis-socjetà rikorrenti fil-mument meta George Ray Neaves gie ammess bhala pazjent;
4. Illi minhabba l-agir frodulenti tas-socjetà rikorrenti George Ray Neaves ma inghatax ghazla jmur sptar pubbliku kopert mill-assigurazzjoni tieghu;
5. Illi minkejja mitluba titrasferixxi lil George Ray Neaves ghal sptar iehor, is-socjetà rikorrenti ma ghamlitx dan b'mod immedjat u ghaldaqstant ma permettiet ebda ghazla lil George Ray Neaves filwaqt li qieghda tippretendi hlas ghal servizzi rezi minghajr ebda kunsens;
6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-hlas pretiz mis-socjetà rikorrenti huwa abbuziv u altament esagerat u r-rikorrenti iridu jgibu prova tas-servizzi rezi;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-prezenti sentenza hija wahda preliminari, ristretta solament dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, ossia dik li tikkwerela l-gurisdizzjoni tal-qrati u tribunal domestici li jiehdu konjizzjoni tal-prezenti grajja processwali.

It-Tribunal jikkunsidra;

Ikun jixraq li qabel xejn wiehed jaghti elenku kronologiku ta' l-avvenimenti tal-prezenti grajja mid-data li giet imressqa l-prezenti kawza sa dik l-udjenza li fiha l-procediment thalla ghad-decizjoni tal-lum.  Dan jista' jigi migbur fis-segwenti elenku:

**a.** Il-kawza tressqet fis-26 ta' Lulju, 2018 u l-atti processwali relattivi gew notifikati fl-esteru (fl-Ingilterra) lill-konvenut fil-11 ta' Awwissu, 2018, hekk kif tindika r-riferta ta' l-ufficjal ezekuttiv tal-qorti *a fol*. 11 u kif ukoll minn kif indikat fuq l-"Advice of Receipt" tal-awtorità postali mehmuza ukoll fuq *fol*. 11 (li fuqha jidher li xi hadd iffirma u accetta n-notifika fl-esteru);

**b.** Fit-28 ta' Settembru, 2018 l-Assistent Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali ressaq nota fl-atti ta' dawn il-proceduri (*a fol*. 12) li maghha kien hemm anness korrispondenza li kienet giet mibghuta lilu mill-esteru.  Tali korrispondenza – mid-dehera minn ufficju ta' Avukati bl-isem ta' "Viridian Law Ltd" sitwat gewwa Londra u sottoskritta minn certu Simon Robert-Tissot (*a foll*. 13–16) – fost hwejjeg diversi, irrilevat li Ray George Neaves kien gie nieqes fit-8 ta' Jannar, 2018 f'Uxbridge l-Ingilterra (ara *a fol*. 17) u kwerelat il-prezenti istanza attrici ghal dak li jirrigwarda gurisdizzjoni abbazi tar-Regolament EU numru 1215 ta' l-2012 fejn hemm kontiz li l-konvenut ghandu jigi azzjonat fil-post tad-domicilju tieghu;

[3] F'din l-eccezzjoni ma inghatatx raguni specifika ta' karenza ta' gurisdizzjoni, izda fil-kors tal-proceduri intwera li din l-eccezzjoni kienet issib l-ispunt taghha fir- Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Dicembru, 2012.

**c.** Tali korripondenza mill-esteru giet formalment senjalata fl-ewwel udjenza datata 23 ta' Ottubru, 2018 (*a fol*. 18) u fl-udjenza sussegwenti, dik tat-12 ta' Dicembru, 2018 (*a fol*. 19), apparti li l-atti gew trasfuzi u legittimati f'isem Pamela Marion Neaves, gie registrat, *inter alia*, hekk: "*Dr. Alessandro Lia ghas-Socjeta' Attrici jirrileva illi d-dokument prezentat mir-Registratur tal-Qorti fit-28 ta' Settembru, 2018 (ara minn fol.13-17) ma jikkostitwux risposta skont il-Ligi u huma f'kull kaz fuori termine stante li n-notifika saret fil-11 ta' Awwissu, 2018 (ara fol.11 u l-pink card relattiva mehmuza ukoll ma fol.11) u konsegwentement jitlob dikjarazzjoni tat-Tribunal f'dan is-sens*." Dakinhar stess, wara li ha konjizzjoni tat-talba, *seduta stante* t-Tribunal iddikjara illi "*d-dokumentazzjoni ezebita minn fol.13 sa fol.17 ma tikkostitwix risposta valida skont il-Ligi Maltija u dan peress illi risposta fi proceduri quddiem dan it-Tribunal ghandhom isiru skont il-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta u skont il-Ligi Sussidjarja 380.01 tal-Ligijiet ta' Malta (ara Art.4(1)(b) u Art.4(2) u (3) ta' L.S.380.01) u tali dokumentazzjoni ma tirrispettax il-formalita' mehtiega sabiex tikkostitwixxi risposta formali li fiha jigu mqanqla eccezzjonijiet u linji difensjonali procedurali u/jew sostantivi u ghaldaqstant, ghalkemm tali dokumentazzjoni ser tibqa' inserita fl-atti processwali, it-Tribunal mhux ser iqisha bhala risposta valida skont il-Ligi. It-Tribunal jissottolinea illi aspetti ta' procedura, bhal ma hi Risposta, huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu sostitwiti jew rimpjazzati b'certu informalita' jew sorvolati. Fid-dawl ta' dak hawn fuq registrat u peress illi l-atti processwali gew debitament notifikati lill-Konvenut u peress illi ma gietx prezentata risposta kif trid u tghid il-Ligi u kif ukoll ma deher hadd ghan-nom tal-Konvenut sabiex issehh kontestazzjoni tal-kawza, it-Tribunal qed jiddikjara il-Konvenut fi stat ta' kontumacja kif previst fil-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta.*";

**d.** Fl-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2019 deher difensur ghall-konvenuta illi, "*ghan-nom ta' Pamela Marion Neaves qieghed jilqa' u jaccetta n-notifika tal-atti ta' din il-kawza f'isem l-istess u dan ai finijiet deskritti fil-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Dicembru, 2018*" u fid-dawl tal-episodju mfisser fil-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Dicembru, 2018, l-istess difensur gharraf lit-Tribunal illi kien ser iressaq talba biex jindirizza l-materja deskritta fl-istess verbal (*a fol*. 21). L-imsemmi rikors gie mressaq fis-7 ta' Frar, 2019 (*a foll*. 23–25) illi ghalih wiegbet l-attrici b'risposta tal-20 ta' Frar, 2019 (*a foll*. 29–30);

**e.** Fl-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2019 gie registrat is-segwenti verbal bejn id-difensuri tal-kontendenti: "*Id-difensuri tal-partijiet qed jaqblu illi Pamela Marion Neaves, fil-kwalita' taghha ta' succesuri fit-titolu tad-defunt Ray George Neaves, tithalla tipprezenta Risposta ghall-kawza odjerna f'terminu li dan it-Tribunal joghgbu jipprefigi, b'dana illi d-difensuri tal-Konvenuta, fil-kapacita' premessa, qed jirrinunzjaw kwalunkwe eccezzjoni dwar il-validita' u l-ammissibilita' tal-azzjoni attrici, filwaqt illi s-Socjeta' Attrici qed tirrinunzja ghall-oggezzjonijiet taghha dwar il-posizzjoni kontumacjali tal-Konvenuta, biex b'hekk il-kawza tista' tipprosegwi u tissokta ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-vertenza*." In vista ta' tali qbil it-Tribunal *seduta stante* esprima ruhu hekk: "*It-Tribunal, in vista tal-qbil bejn il-partijiet u in virtu' tal-Art.9(1) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi jastjeni milli jippronunzja ruhu dwar ir-Rikors tal-Konvenuta tas-7 ta' Frar, 2019, filwaqt li qed jirrevoka contrario imperio l-provvediment tieghu dwar il-posizzjoni*

*ta' kontumacja tal-Konvenuta (vide verbal tal-udjenza tat-12 ta' Dicembru, 2018), qed jakkorda zmien perentorju ta' 18-il jum millum sabiex Pamela Marion Neaves, fil-kapacita' fuq premessa, tressaq Risposta f'din il-kawza*." (*a fol*. 31). Dakinhar il-procediment thalla ghat-30 ta' April, 2019 ghar-Risposta tal-konvenuta;

**f.** Ir-Risposta tal-konvenuta giet imressqa fil-11 ta' April, 2019 li fiha gew imqanqla l-eccezzjonijiet aktar kmieni elenkati u fl-udjenza tat-30 ta' April, 2019 gie deciz illi, "*In vista tal-ewwel eccezzjoni tal-Konvenuta li tattakka l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, it-Tribunal jemmen illi jkun jixraq li l-ewwel u qabel kollox tigi indirizzata tali eccezzjoni u ghaldaqstant dan il-procediment qed jigi ristrett ghal tali materja bil-konsegwenza li tinghata sentenza preliminari f'dan ir-rigward*." Dakinhar il-kawza thalliet ghat-13 ta' Mejju, 2019 sabiex issehh trattazzjoni fuq tali materja ta' gurisdizzjoni.

**g.** Fit-13 ta' Mejju, 2019 il-konvenuta *motu proprio* ghazlet li tressaq nota b'xi dokumenti maghha mehumza. Fl-udjenza ta' l-istess datata id-difensur ta' l-attrici talab l-isfilz ta' tali nota u dokumenti filwaqt li d-difensur tal-konvenuta ggustifika l-ezibizzjoni ta' l-istess. It-Tribunal, wara li sema' d-difensuri, iddekreta hekk: "*It-Tribunal ha konjizzjoni tas-sottomissjoni maghmula miz-zewg difensuri seduta stante. It-Tribunal ra l-verbal tat-30 ta' April, 2019 (fol.36), liema verbal jispecifika illi d-differiment ghall-udjenza tal-llum kien intiz sabiex isiru sottomissjonijiet orali dwar l-eccezzjoni preliminari ta' gurisdizzjoni u fl-ebda waqt f'dik l-udjenza jew fil-mori tad-differiment ma gie indikat illi l-eredi tal-Konvenut kien jehtiegilha tressaq provi in sostenn tal-imsemmija eccezzjoni taghha qabel isehhu sottomissjonijiet dwar l-istess eccezzjoni prelimari. It-Tribunal jirrileva, in oltre, illi ghalkemm animat b'certu spirtu ta' informalità ghal dak li jikkoncerna l-andament ta' provi u s-sens ta' ekwità ghas-suggett tal-vertenza, il-perkors procedurali u ta' principji abbinati mieghu ghandhom dejjem jigu segwiti u rispettati, aktar u aktar meta hu ben maghruf li l-procedura tippartecipa mill-ordni pubbliku u li l-ekwità ma tistax tirrimpjazza normi procedurali. It-Tribunal qed jirrileva dan ghax il-minimu rikjest fic-cirkostanzi kien li l-eredi tal-Konvenut, almenu, tressaq l-apposita talba sabiex tigi koncessa l-fakultà li tadduci provi dwar l-eccezzjoni jew l-eccezjonijiet taghha u dan anke sabiex l-Attrici tkun imqieghda f'pozizzjoni idonea li tirregola l-pozizzjoni taghha. Il-prezentata ta' dokumenti in extremis u fl-istess guranta ta' smiegh ta' udjenza, kif iqisha dan it-Tribunal, ma jirrispettax il-principji relattivi u applikabbli ta' gustizzja naturali. Ghaldaqstant, it-Tribunal jordna l-isfilz tan-nota prezentata fit-13 ta' Mejju, 2019, flimkien mad-dokumentazzjoni kollha annessa maghha, u jordna, hekk kif gia' previst fl-udjenza precedenti, li ssehh trattazzjoni orali dwar il-materja ta' gurisdizzjoni*." (*a fol*. 38). Dakinhar sehhet it-trattazzjoni relattiva[4] u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza preliminari.

Katalogati kronologikament il-fatti saljenti ta' dan l-episodju procedurali, qabel kull approfondiment ulterjuri, it-Tribunal jemmen li hu mehtieg is-segwenti preambolu.

[4] Traskrizzjoni tat-trattazzjoni tinsab *a foll*. 39–42a.

Kif diga' kellu okkazzjoni jirrimarka dan it-Tribunal fi procedimenti ohra[5], il-principju baziku konsagrat fl-imsemmi Art. 562, jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi l-inizjattiva proprja ghall-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku ihaddan massimi Latini[6] bhal "*quod non est in actis non est in mundo*",[7] "*secundum acta et probata non secundum privatam scientiam*"[8] u "*non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii*".[9] Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u *in re* **Michael Debono et v. Joseph Zammit et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010).

In kongunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat minn **CARLO LESSONA** ("Trattato Delle Prove in Materia Civile", UTET 1927; Vol.I, §45, p.59) illi jasserixxi li, "*la scienza personale del giudice, da lui già posseduta od acquistata stragiudizialmente intorno ai fatti sui quali si controverte non è legittima fonte di prova, perchè la legge non la contempla; perchè anzi, pel sistema della legge, il giudice non conosce i fatti se non quali glie li presentano le parti*." Dan hu hekk precizament ghax, "*Il giudice, come ben sapiamo, è un terzo che non sa nulla (e nulla deve sapere) dei fatti controversi; nel nostro ordinamento assume anche la veste del pubblico impiegato, cioè di burocrate, per cui egli in linea di principio, oltre ad ignorare i fatti, si limita a svolgere il suo lavoro senza particolari entusiasmi per le vicende riguardanti le parti. In queste condizioni è quanto meno azzardato pensare che il giudice possa con esito proficuo sostituirsi nell'acquisizione delle fonti di prova alle parti, che invece conoscono assai bene i propri affari, sanno come e dove cercare le prove, e rischiano in prima persona* " (*cfr*. **GIROLAMO MONTELEONE**, "Manuale di Diritto Processuale

---

[5] Ara, fost ohrajn, *in re* **Emanuel Esposito v. Carmelo Mugliett** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 9 ta' Jannar, 2019; mhux appellata).

[6] Referenza ghal massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman sehhew ghax, kif mghadud fid-decizjoni *in re* **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni N° 122 riportata f'*Kollez.* Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta' Malta u "*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane*". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, *inter alia*, **Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et** (Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008); **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009); **Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014); **Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et** (Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u **Sebastian Vella et v. Charles Curmi** (Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014).

[7] *traduz.*: dak li mhux ezebit fl-atti processwali, ma jezistix ghall-gudikant.

[8] *traduz.*: skond dak mressaq bhala prova/evidenza, u mhux skond dak li jaf personalment il-gudikant.

[9] *traduz.*: mhux dak li jaf personalment il-gudikant, izda dak li hu importanti huwa li l-fatt ikun imressaq u imwassal lil min hu tenut jiggudika f'forma u f'manjiera ta' evidenza.

Civile" Vol. I, CEDAM 2007; p.269).[10] Riflessjoni ta' dan it-taghlim dottrinali jinsab fid-decizjonijiet domestici *in re* **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation**, (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005);[11] *in re* **Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugia** (Appell Inferjuri, 11 ta' Dicembru, 2009);[12] u *in re* **F. Advertising Limited v. Simon Attard et** (Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010),[13] fost diversi ohrajn.

Dak fuq premess qed jinghad fid-dawl ta' l-iskarsezza ta' provi mressqa mill-partijiet abbazi tal-materja trattata f'din id-decizjoni.[14] It-Tribunal kellu jistrieh fuq il-ftit materjal in atti lilu offert u ghalih kellu japplika dawk il-principji u dawk il-Ligijiet rilevanti. Jigi ukoll mistqarr li tali

[10] Inhasset il-htiega li t-Tribunal – kemm hawnhekk u kemm f'partijiet ohra ta' din id-decizjoni – jdur lejn id-duttrina legali u decizjonijiet esteri proprju ghaliex fin-nuqqas ta' illuminazzjoni mill-legislazzjoni jew mill-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jdur fuq taghlim dottrinali esteru. Dan ghaliex "*hija prattika kostanti li l-Qrati taghna, meta jigu biex jinterpretaw ligijiet simili ghal ligijiet esteri, li huma jaghmlu referenza ghal u anke isegwu l-awturi eminent li jikkummentaw fuq dawk il-ligijiet esteri u l-Qrati esteri superjuri li japplikawhom*" (**Il-Prim'Ministru et v. Sister Luigi Dunkin noe**, Appell Superjuri, 3 ta' Gunju, 1981; mhux pubblikata). Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Alessandro Claudio Debono ne v. Dr. Alessandro Barone Chapelle ed** (Appell Superjuri, 22 ta' Jannar, 1890 riportata f'*Kollez.* Vol.XII(B), p.365) u **Nobile Luisa Strickland v. Il Marchese Felicissimo Apap** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar, 1879 riportata f'*Kollez.* Vol.VIII(D), p.710). Agguntivament, fis-sentenza **Marquis James Cassar Desain v. James Louis Forbes, O.B. E. nomine** (Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 1935 riportata f'*Kollez.* Vol.XXIX(A)-I-43 a p.47) gie ritenut illi t-taghlim legislattiv u dottrinali ta' l-Italja u anke ta' Franza, "*are among the recognised sources of our own general Jurisprudence*". Tali osservazzjonijiet tal-Qrati taghna jista' jkun sehhew minhabba fatt ferm interessanti li mat-trapass taz-zmien, forsi, qed jintesa. Il-*Codice Municipale di Malta,* komunement maghruf bhala l-*Code de Rohan,* promulgat fl-1784 mill-Gran Mastru de Rohan-Polduc, qatt ma gie legislittivament abbrogat bl-introduzzjoni ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, ossia l-Kodici Civili li illum jinsab katalogat fil-Kapitolu 16 tal-Legislazzjonijiet domestici (*vide* **Fortunata Azzopardi v. Capt. Salvatore Azzopardi**, Appell Civili, 11 ta' Gunju, 1875 - Decisione N° 346 riportata f'*Kollez.* Vol. VII(B)-421; **Gentiluomo Filippo Zammit v. Michelina Pisani Demajo**, Appell Civili, 7 ta' Mejju, 1875 - Decisione N° 334 riportata f'*Kollez.* Vol. VII(B)-401 u l-istudju intitolat "Maltese Legal History Under British Rule (1801-1836)" ta' l-**ONOR. IMHALLEF HUGH W. HARDING** [Malta, 1980; p. 2 *et seqq.*]), jikkontjeni disposizzjoni ferm singolari. L-Artikolu XXXVII tal-*Codice Municipale di Malta* [disposizzjoni li hi misjuba taht Libro Primo «DE' TRIBUNALI COMPETENTI, MAGISTRATI, ED ALTRI OFFICIALI, E DE' PUBLICI OFFICJ», Capo Ottavo (VIII) intitolat «DEL TRIBUNALE COLLEGIATO E DELLA SUA EREZIONE E COMPETENZA»] jghid li l-gudikant ma jistax "*servirsi di veruna potestà arbitraria, quante volte non sarà regolata da quello che si dispone dalle leggi municipali, ed in loro difetto dalle leggi comuni, e ne'casi controversi e dubbi dalle* ***opinioni abbracciate ne' Supremi e piú accreditati tribunali***." [enfazi mizjuda minn dan it-Tribunal]. L-ispirtu ta' l-Artikolu XXXVII jassomilja, xi ftit jew wisq, lill-Artikolu 12 fil-Kodici Civili Taljan (parti intitolata «DISPOSIZIONI SULLA LEGGE IN GENERALE», Art. 12, 2° comma), li jghid hekk: "*Se una controversia non può essere decisa con una precisa disposizione, si ha riguardo alle disposizioni che regolano casi simili o materie analoghe; se il caso rimane ancora dubbio, si decide secondo i princìpi generali dell'ordinamento giuridico dello Stato*.". F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara **BIAGIO ANDÒ**, "The Mélange of Innovation & Tradition in Maltese Law: The Essence of the Maltese Mix?" 2012; Vol. 15, N° 3 - disponibbli ukoll fuq il-*web*: http://www.saflii.org/za/journals/PER/2012/36.pdf).

[11] "*tribunal b'funzjonijiet gudizzjarji ma jistax, b'ebda logika u sens ta' gustizzja, jikkampa l-gudizzju tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti, kongetturi bla bazi, jew semplici fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi.*"

[12] "*it-Tribunal ghal dawk li huma l-fatti li fuqhom irid jiddeciedi, jridu jirrizultaw mill-atti u l-gudikant ma jistax juza jew jaghmel riferiment ghal fatti, anke jekk huwa personalment ikun jaf bihom, jekk dawn ma jirrizultawx mill-atti tal-kawza.*"

[13] "[min hu tenut jiggudika ghandu] *jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvincenti.*"

[14] L-isptar attur ma adduca l-ebda prova u ghalkemm fl-att promotur tissemma *invoice* datata 17 ta' Lulju, 2017 din qatt ma giet ezebita. Min-naha l-ohra, l-konvenuta wkoll ma ressqet l-ebda prova. Meta pruvat taghmel hekk, l-istess provi gew sfilzati ghax ma kienux jirrispettaw certu normi ritwalistici hekk kif imfisser fil-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2019.

kompitu ma kienx daqstant facli, peress li l-interpretazzjoni ta' diversi precetti guridici (u l-applikazzjoni taghhom), bla ghajnuna ta' materjal probatorju sufficjenti, ghamlu l-istess kompitu certament aktar ardwu u difficli ghax mod principju jigi applikat fl-isfond ta' materjal probatorju u mod iehor li principju jitqies *in abstracto*.

Illi ghalhekk, id-decizjoni odjerna hi fundamentalment imsejsa fuq il-ftit materjal probatorju rakkolt in atti u fid-dawl tas-sottomissjonijiet orali mressqa mid-difensuri, akkompanjata mill-aspetti legali u principji guridici ricerkati mit-Tribunal li sejrin jigu espressi *infra*.

It-Tribunal jikkunsidra;

Mill-ftit provi rakkolti f'dan il-procediment jidher illi waqt li l-konvenut, ormai defunt, Ray George Neaves kien hawn Malta fuq btala, kellu jigi rikoverat l-isptar ghal xi kura. Sa dan l-istadju, l-atti ma jghidux u ma jurux x'kellu l-imsemmi Neaves u lanqas x'tip ta' kura jew trattament inghata u lanqas x'kienet ir-raguni l'ghaliex Neaves mar jew ittiehed fl-isptar attur. Hu gie mehud fl-isptar attur u huwa prezunt li inghata servizz hemmhekk, fejn allegatament hallas xi porzjon mill-ammont u li ghad fadal ammont bilancjali (u dan skond dak allegat mill-isptar attur fl-Avviz tat-Talba).

Apparti lmenti ohrajn, il-kwistjoni preliminari odjerna – imqanqala mill-eredi tal-konvenut (martu) – iddur fuq il-punt li bhala utent ta' servizz mediku – *ergo* bhala persuna li dahal f'kuntratt ta' konsumatur ma' l-isptar attur bhala kummercjant – hu ghandu, *se mai*, jigi azzjonat fil-pajjiz illi hu fih domiciljat (i.e. fl-Ingilterra) u mhux hawn Malta. Ghalhekk, in forza ta' l-Artiklu 18(2) tar-Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Dicembru, 2012, qed tigi eccepita l-karenza assoluta ta' gurisdizzjoni ta' l-enti gudizzjarji Maltin milli jisimghu u jintrattjenu dan il-kaz peress li si tratta ta' kuntratt maghmul bejn konsumatur u kummercjant u, *ergo*, konsumatur ghandu jigi mfittex fil-pajjiz tad-domicilju tieghu.

L-attur jopponi ghat-tezi tal-konvenuta u in sintezi jikkontendi, fost hwejjeg ohra, illi ma ingabet l-ebda prova konkreta dwar id-domicilju tad-defunt Ray George Neaves u lanqas m'hemm prova li turi li kien hemm effettivament rapport ta' kummercjant-konsumatur bejn il-partijiet. Jghid inoltre li, *se mai*, l-Artiklu 18(2) tar-Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Dicembru, 2012 ghandu jinqara fl-isfond ta' dak li jipprovdi l-Artiklu 17 ta' l-istess, liema Artiklu jippreskrivi numru ta' rekwiziti alternattivi u jekk wiehed minnhom jigi debitament sodisfatt wiehed jista' jitkellem dwar "kuntratt tal-konsumatur". Madanakollu, jikkontendi l-isptar attur, f'dan il-kaz l-ebda wiehed minn dawn ir-rekwiziti ma gie konkretament indirizzat u pruvat. Ghalhekk, il-gurisdizzjoni ghandha tkun ta' dawn il-qrati u tribunal.

Minn tali zewg tezijiet daqstant divergenti, il-kweziti li l-ewwel jehtiegu twegiba u definizzjoni ghall-finijiet tal-prezenti decizjoni jidhru li huma dawn:

**(a)** x'inhu d-domicilju tal-konvenut Ray George Neaves;

**(b)** ir-relazzjoni li kienet tghaddi bejn il-kontendenti, ossia dak ir-rapport li kien jezisti bejn l-isptar attur u l-konvenut Ray George Neaves; u

**(c)** jekk pazjent li jinghata kura minn sptar jistax jigi kunsidrat bhala konsumatur ta' servizz.

**Domicilju ta' Ray George Neaves.**

Dwar dan l-aspett, it-Tribunal jistqarr mill-ewwel illi ftit ghandu dubji dwaru.

Dak il-fattur ewlieni li jindikaw id-domicilju Ingliz tal-konvenut Ray George Neaves huwa l-indirizz tieghu fuq l-Avviz tat-Talba u cioè "*12, St John's Close, Uxbridge, Middlesex, UB8 2UX, **England**, United Kingdom*" [enfazi mizjuda] liema indirizz wassal ghan-notifika relattiva (*a fol.* 11) kif deskritt aktar kmieni f'din id-decizjoni. In aggjunta, l-isptar attur espressament indika hekk fl-Avviz tat-Talba ghal dak li jikkoncerna l-konnotati tal-persuna tal-konvenut: «*Ray George Neaves (**passaport Ingliz** numru 0315181)*» [enfazi mizjuda]. Dan kollu kien jindika illi l-isptar attur kien qed jirrikonoxxi illi l-konvenut Ray George Neaves kellu rabta intima ma' l-imsemmi pajjiz esteru.

Inoltre, ic-certifikat tal-mewt ezibit mal-korrispondenza tad-ditta ta' Avukati Inglizi juri li l-imsemmi Ray George Neaves twieled fi "St Pancras" f'Londra gewwa l-Ingilterra u miet fi "12, St. Johns Close Uxbridge" gewwa l-Ingilterra.

Dawn huma kollha elementi li intrinsikament jipposjedu certa oggettività, tant li joholqu presunzjoni dwar id-domicilju tal-persuna konvenuta. Tali fatturi juru li d-domicilju ta' l-istess Ray George Neaves kien l-Ingilterra, fir-Renju Unit. Wiehed ma jridx jinsa, kif inghad *in re* **Virginia Fenech v. Avukat Dottor Giuseppe Borg Olivier et noe** (Prim'Awla, 7 ta' Settembru, 1964), illi, "*Id-domicilju tal-origini jibqa' jezisti sakemm ma jigix pruvat bi provi ndubbji illi gie mibdul f'domicilju iehor 'of choice'.*" Wiehed hu mistieden jara wkoll, fejn jiswa, *in re* **Joseph Lepre v. Avukat Dr Joseph Tabone Adami et noe** (Prim'Awla, 28 ta' Marzu, 1960).

**Relazzjoni bejn il-kontendenti**

Dan l-aspett hu necessarju li jigi indirizzat minhabba dak provdut fl-Artiklu 1 tar-Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Dicembru, 2012 li jghid li, "*Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali independentament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal*." Skond il-Qorti tal-Ġustizza tal-Unjoni Ewropea[15], dak li jaqa fil-frazi "*kwistjonijiet ċivili u kummerċjali*" ghandu jigi essenzjalemnt determinat "*by reason of the legal relationships between the parties to the action or of the subject-matter of the action*." Ghalhekk, ir-relazzjoni guridika li tinterkorri l-prezenti partijiet ghandha tigi ben individwata.

Ghal dak li jikkoncerna r-relazzjoni li tghaddi bejn it-tnejn, huwa bil-wisq naturali ghal dan it-Tribunal illi din tippartecipa minn obbligazzjoni ta' natura kuntrattwali. Ta' din il-fehma hi d-duttrina u anke l-gurisprudenza lokali.

---

[15] Case 29/76 LTU v Eurocontrol [1976] ECR 1541 punt 4 u Case 814/79 Netherlands v Rüffer [1980] ECR 3807.

Mill-ottika ta' duttrina insibu asserit illi, "*La responsabilità dell'ente* [ospedaliero] *è, di solito, considerata di natura contrattuale, perchè tra l'ente ed il paziente è stato stipulato un contratto avente ad oggetto la prestazione sanitaria di cui il paziente necessita.*" (*cfr*. **MASSIMO FRANZONI**, "Le Obbligazioni da Fatto Illecito" UTET, 2004; Vol.II, §19 p. 45). B'approfondiment jinghad li, "*l'ente ospedaliero si presenta come una struttura complessa, caratterizzata certo dalla presenza al suo interno di medici dipendenti e di altri operatori in senso lato sanitari (id est personale infermieristico e/o ausiliario), ma anche dalla consistenza di una struttura organizzativa e amministrativa particolare, nonché dalla predisposizione di un apparato strumentale di rilievo ... Il paziente non si rivolge direttamente all'uno o all'altro specialista, ma alla struttura, che di volta in volta, in ossequio alle sue esigenze organizzative, indirizza il paziente verso lo specialista che in concreto è possibile individuare* " (*cfr*. **FLAVIO PECCENINI**, "La Responsabilità Sanitaria", Zanichelli editori 2010; pp. 5–6).[16] Din mhux xi posizzjoni recenti fid-duttrina tant illi l-awtur **CARLO LEGA**, kittieb awtorevoli in materja, fis-sena 1958 fl-opra tieghu intitolata "La Responsabilità Del Professionista" (Giuffrè ed., 1958; p. 345) kien qed jikkonsolida t-tezi li, "*tra l'ospedale privato o la casa di cura ed il cliente c'è di regola un rapporto contrattuale. Questo vuol dire che il gestore della casa di cura o dell'ospedale risponde del fatto colposo del medico di cui si valga per adempire la propria obbligazione.*"

Mix-xena domestika, fis-sentenza *in re* **Maggur Alfred Briffa et v. The Golden Shephard Group Limited et** (Prim'Awla, 31 ta' Ottubru, 2013) – prezumibilment l-ewwel darba fl-istorja tal-gurisprudenza Maltija – giet traccjata r-relazzjoni guridika bejn sptar u pazjent, li fiha inghad li din hija wahda kuntrattwali per eccellenza. F'tali decizjoni nsibu riportat hekk: "*Il-Qorti tqies li min jipprovdi servizzi tal-Isptar qieghed jassumi obbligazzjonijiet kontrattwali mal-pazjenti li joffrilhom mhux biss kura adegwata fl-Isptar, permezz tal-istaff, tobba u servizzi medici, imma jkun qed joffri post fejn is-sahha u s-sigurtà taghhom hija wkoll mharsa ... Sptar huwa tenut li joffri facilitajiet li huma ragjonevolment mahsuba biex jipprotegu lill-pazjent minn dannu u periklu. Dan ifisser li Sptar ghandu jamministra policies li huma ragjonevolment mehtiega ghall-kura, trattament u sigurtà tal-pazjenti tieghu ... L-Isptar ghandu obbligu kontrattwali, espress jew tacitu, li jipprovdi "a safe environment" ghall-pazjenti tenut kont tal-known medical condition tal-pazjent*." Fis-sentenza moghtija ftit tal-jiem ilu *in re* **Vincent Gauci et v. Tabib Ewlieni tal-Gvern et** (Appell Superjuri, 28 ta' Gunju, 2019) inghad hekk: "*Illum huwa aċċettat illi r-relazzjoni bejn il-pazjent min-naħa l-waħda u t-tabib u l-isptar jew istitut sanitarju ieħor min-naħa l-oħra hija waħda kuntrattwali . Din ir-relazzjoni tinħoloq bis-saħħa ta' ftehim bejn it-tabib u l-pazjent fil-każ ta' tabib imqabbad*

[16] Ara wkoll, b'approfondiment fuq is-suggett, is-segwenti opri: **ALESSANDRO BUZZONI**, "Responsabilità Medica e Sanitaria: La Riforma Gelli" (Edizioni FAG, 2017); **FEDERICO LEGA**, **MAURIZIO MAURI** u **ANNA PRENESTINI**, "L'Ospedale Tra Presente e Futuro" (Edizione Egea,2010); **ROBERTO BARBERIO**, **ERCOLE DE MASI** u **ANDREA SIROTTI GAUDENZI**, "Rischio Clinico e Mediazione nel Contenzioso Sanitario" (Maggioli editore, 2012); u **GIUSEPPE CASSANO**, "Rapporto Medico-Paziente: Responsabilità e Risarcimento Del Danno" (Maggioli editore, 2014).

*privatament mill-pazjent u minn dak li d-dottrina u l-ġurisprudenza taljana jsejħulu "kuntatt soċjali" fil-każ li l-kura tingħata minn tabib impjegat tal-istat fi sptar pubbliku*."[17]

Dan ifisser li bejn il-konvenut Ray George Neaves u l-isptar attur kien hemm indubbjament legam kuntrattwali, liema legam baqa' intatt bit-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem martu Pamela Marion Neaves *qua* eredi tieghu. Ghalhekk, sa dan l-istadju, wiehed jista' jitkellem dwar kwistjoni civili u kummercjali kif irid u jghid ir-Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Dicembru, 2012. Jekk l-istess legam jikkwalifikax imbaghad bhala wiehed bejn konsumatur u kummercjant, dan irid jigi mistharreg ulterjorment skond l-ingredjenti preskritti fir-Regolament UE, hekk kif ser jintwera aktar 'il quddiem.

**Pazjent jistax jigi kunsidrat bhala konsumatur**

Dak li ser jinghad hawnhekk ghandu jittiehed fl-isfond tal-prezenti vicenda processwali u certament, u bl-ebda mod, m'hu destinat li jaffronta b'mod ezawrjenti s-suggett trattat.

Id-definizzjoni tradizzjonali u klassika ta' «pazjent», skond id-dizzjunarju Ingliz Collins[18], hija din: "*a person who is receiving medical care*". Skond l-origini etimologika tal-kelma, din taf il-fonti taghha minn "*patire*" (fis-sens ta' 'sofferenza' jew 'tolleranza'), ossia "*come aggettivo che ha pazienza; come sostantivo chi viene curato per una malattia*."[19] Ghalkemm fil-korp tal-legislazzjonijiet taghna tezisti definizzjoni fil-Ligi Sussidjarja 528.03 bl-isem ta' "Regolamenti Dwar Kura tas-Sahha Transkonfinali", din ma tantx tghin biex titfa dawl fuq il-kwezit li qed jigi ricerkat hawnhekk peress li l-istess tiddefinixxi «pazjent» bhala "*kwalunkwe persuna fiżika li tixtieq tirċievi jew li tirċievi kura tas-saħħa fi Stat Membru.*"

Min-naha l-ohra, «konsumatur», hu definit hekk mid-dizzjunarju Collins: "*a person who purchases goods and services for his own personal needs*."[20] Hawn Malta, legislattivament «konsumatur» hu definit mill-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta bhala "*kull individwu li fi transazzjonijiet u ħwejjeġ oħra koperti b'dan l-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu, jkun qed jaġixxi għal għanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni*" u kif ukoll tinkludi "*kull individwu ieħor li ma jkunx ix-xerrej jew benefiċjarju dirett, u sew jekk ikunx jew le membru tal-familja tal-konsumatur, li għax ikun espressament jew taċitament awtorizzat jew permess mill-konsumatur, seta' kkonsma, uża jew ibbenefika minn xi oġġetti jew servizzi pprovduti lill-konsumatur minn kummerċjant li jkun qed jaġixxi fil-kors ta' xi kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni,*

[17] Ara, ghal dak li jiswa, id-decizjoni *in re* **Albert Gambina et noe v. The Golden Shepherd Group Ltd noe** (Prim'Awla, 28 ta' Ottubru, 2013) fejn ir-rapport bejn pazjent u sptar gie wkoll mittiehed fid-dimensjoni ta' obbligazzjoni kuntrattwali.

[18] Collins English Dictionary (6th edition 2006; p. 1192 – "*patient*").

[19] Dizionario Etimologico (Rusconi Libri, edizione aggiornata, 2004; p. 737). Skond l-Oxford School Dictionary of Word Originis (Oxford University Press 2002l p. 323 – vuci "*patient*"): «*is both an adjective and a noun, and the historical link between 'waiting without complaining' and 'someone being medically treated' is 'suffering'. Both words come from Latin 'patiens', the present participle of the verb 'pati' meaning 'to suffer' (which is also the ancestor of English 'passion'). Already in Latin it had gained the additional meaning 'accepting suffering calmly', but the medical associations came later – originally probably 'someone suffering illness', and then 'someone being treated for illnes'.*»

[20] Collins English Dictionary (6th edition 2006; p. 344 – "*consumer*").

*inklużi oġġetti jew servizzi li jiġu pprovduti bħala parti minn skemi ta' rigali u tħajjir ieħor simili jew Analogu.*" Addizzjonalment, ir-regolament 2 tar-"Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur" (L.S. 378.17, ossia A.L. 439 ta' l-2013, kif emendat bl-A.L. 124 ta' l-2016) jiddisponi similment meta jghid illi «konsumatur» "*tfisser kwalunkwe persuna fiżika li, f'kuntratti koperti minn dawn ir-regolamenti, tkun qiegħda taġixxi għal skopijiet li jkunu lil hinn mis-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha*." Bhal fil-kaz precedenti, jigi frankament mistqarr li tali definizzjoni legali ma tantx tghin fl-individwazzjoni tat-tifsira preciza ta' «konsumatur» (almenu ai finijiet tal-prezenti vertenza).

Dawn iz-zewg definizzjonijiet jaghtu biss iz-zewg estremi tal-kwezit b'mod indipendenti u distakkat, izda, *a se stante*, ma jindirizzawhx.[21] Ghalhekk, l-indagni tehtieg tmur kemmxejn oltre biex wiehed jara jekk fiz-zminijiet moderni, persuna *qua* "pazjent" tistax tigi parifikata ma' persuna *qua* "konsumatur" li tehtieg servizz u/jew jekk individwu *qua* "konsumatur" jistax ikun ukoll "pazjent" necessitanti kura jew servizz mediku? Fi kliem iehor, wiehed ghandu jara jekk, f'xi punt jew iehor, tali zewg estremi jistghux fis-sustanza jikkonvergu u jikkoezistu simultanjament.

Ikollu jigi mistqarr li t-Tribunal wettaq ricerka intensiva f'dan l-aspett tal-vertenza. It-Tribunal ikkonsulta bosta letteratura – primarjament, izda mhux biss, minn fuq diversi siti elettronici – u frott tali lettura (almenu fil-gran parti taghha) uriet li qed jinsorgi fenomenu alkwantu modern li jidher li qed jikkunsidra u jikklassifika pazjent li jiehu kura (f'certu cirkostanzi), bhala konsumatur fi hdan is-servizz sanitarju.[22] Ikollu jigi mistqarr ukoll, li hemm vucijiet dissidenti[23] u illi l-linja ta' demarkazzjoni jew ta' konvergenza bejn it-tnejn m'hijiex daqstant cara jew felici. Bhal hafna kazijiet ohra, kollox huwa dipendenti mis-sitwazzjoni partikolari ta' kull kaz.

B'dan maghdud, wiehed jista' jghid b'certezza illi f'dawn l-ahhar decenji giet notata trasformazzjoni ta' hsieb notevoli li tghid illi s-sistema ta' kura medika tirrivolvi madwar il-pazjenti u li l-pazjenti ghandom jedd li jippartecipaw bi shih fil-kura taghhom, fejn huma jkunu involuti fiha bhala protagonisti u mhux bhala semplici destinatarji jew meri spettaturi.[24] Huwa

---

[21] Jikkonvergu biss fir-rekwizit ta' "persuna fizika".

[22] Artikolu intitolat "Patient, Client or Consumer: What Should We Call The People We Work With?" – link: https://opedge.com/Articles/ViewArticle/2018-04-01/patient-client-or-customer-what-should-we-call-the-people-we-work-with [9 ta' Gunju, 2019]; Artikolu intitolat "Are You A Patient Or A Healthcare Consumer?" – link: https://www.forbes.com/sites/robertpearl/2015/10/15/are-you-a-patient-or-a-health-care-consumer-why-it-matters/#6918ed1b2b4d [9 ta' Gunju, 2019]; Artikolu intitolat "Communicating With The 'Consumer' v. The 'Patient' In Healthcare" – link: https://www.forbes.com/sites/joannabelbey/2016/04/15/communicating-with-the-consumer-versus-the-patient/#97f827318f80 [9 ta' Gunju, 2019].

[23] Artikolu intitolat "There are no consumers in healthcare, get over it" – link: https://tincture.io/consumers-in-healthcare-i-dont-think-that-means-what-you-think-that-means-afd01bdde308

[24] «*Il modello consegnatoci dalla tradizione ci presenta un paziente concepito come destinatario di scelte di stretta competenza del sanitaria, anche quando riguardino la qualità della sua vita. Il medico era il titolare di un sapere che, diverso da tutti gli altri, egli doveva impiegare per la cura dell'uomo, secondo dettami assoggettabili al solo giudizio della migliore scienza medica, convalidata nelle scelte consapevoli del sanitaria che aveva in concreto operato per il malato* [… … …] *In conclusion la persona, in cura dal medico, diventava un element di un mosaic la cui conservazione doveva avvenire nell'interesse generale della società, attraverso la scienza medica. Del resto, la indisponibilità dei diritti della personalità poteva in parte giustificare questo ragionamento che portava ad un sostanziale sopravvento dell'interesse generale sulla individualità dell'uomo*

fatt rikonoxxut illi llum-il gurnata l-pazjenti saru ferm aktar involuti fil-kura medika minnhom ricevuta u ferm aktar infurmati dwar l-istess. Dan wassal ghad-dibattitu – li ghadu ghaddej sal-lum – illi fi hdan is-settur mediko-sanitarju il-"pazjenti" qed jigu meqjusa wkoll bhala "konsumaturi" (sahansitra ukoll "klijenti") fi hdan is-servizz ta' kura medika.

Skond it-Tribunale di Torre Annunziata (Sezione Distaccata di Castellammare di Stabia *per* Dr. Pasquale Serro d'Aquino), b'decizjoni datata 31 ta' Mejju, 2006, "*Il rapporto tra medico privato e paziente e tra case di cura convenzionate e paziente è di natura contrattuale e può essere inquadrato come rapporto tra professionista e consumatore* […] *Ne discende che il cittadino che si rivolge alla struttura sanitaria pubblica per prestazioni di assistenza medica e che, in tal modo stipula un rapporto contrattuale con la stessa, assume la veste di consumatore rispetto ad una controparte professionista e, come tale, può convenire in giudizio tale struttura ex art. 1469 bis n. 19 c.c. o in base all'art. 33, lett. U del codice del consumo*."[25] Agguntivament, skond is-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni Civili (Sez. III, Ord.) tat-2 ta' Jannar, 2009 [kaz nru. 20], "*paziente e medico, e per esso la struttura sanitaria in cui opera, assumono nel contratto di prestazione professionale medica le rispettive qualità di consumatore e professionista e la norma del foro del consumatore si applica anche se il contratto non è stato concluso per iscritto ed indipendentemente dal fatto, perciò, che sia stata pattuita per iscritto una clausola sulla competenza.*" Fl-istess vina hija d-decizjoni ta' l-istess Qorti (Sez. III, Ord.) tas-27 ta' Frar, 2009 [kaz nru. 4914]. (*cfr*. **GIUSEPPE CASSANO** u **MARCO EUGENIO DI GIANDOMENICO**, "Il Diritto Dei Consumatori", CEDAM, 2010; Tomo I, p. 144).[26]

Madanakollu, iz-zewg figuri ta' "pazjent" u ta' "konsumatur" m'humiex sinonimi u tali tikketta ma tistax tigi utilizzata b'manjiera interkambjabbli jew b'mod indiskriminat. B'illustrazzjoni,

---

[… … …] *Le prospettive sono sensibilmente cambiate, quando la legge ordinaria, in esecuzione del precetto costituzionale dell'art. 32, 2º co., ha incominciato ad affermare che gli accertamenti ed i trattamenti sanitari sono di norma volontari, anche quelli di carattere psichiatrico; che il paziente deve essere posto in condizione di conoscere il percorso terapeutico* [… … …] *In queste regole, che non sono vere e proprie norme giuridiche, si ribadisce l'idea che il compito principale del medico è di informare il paziente su tutto ciò che lo riguarda e lo interessa, anche in vista del future: in questo modo si reduce la asimmetria informativa tra medico e paziente e la decisione terapeutica è partecipata e non subita.*» (*cfr*. **MASSIMO FRANZONI**, "Le Responsabilità Nei Servizi Sanitari", Zanichelli Editore 2011; pp. 435–437). Minn tali ottika, il-pazjent m'ghadux vizwalizzat, jew kunsidrat, bhala soggett passiv tat-trattament mediku, izda partecipant attiv fih, li ghandu s-setgha li jiddetermina jirceviex it-trattament jew le, ossia li, munit b'adegwata informazzjoni, jiddetermina awtonomament aspetti ta' l-integrità psiko-fizika tieghu. In fatti, l-awtur Taljan **FRANCESCO AGNINO** ("Il Consenso Informato Al Trattamento Medico-Chirurgico", Itaedizone, 2006; p.3) jirritjeni li, "*Al potere del medico di curare si contrappone, o meglio si affianca, in qualità di liceità di qualsiasi intervento sull'altrui persona, l'autodeterminazione del malato, al quale è riconosciuto non più il ruolo passivo di 'paziente', secondo l'etimologia propria del termine, ma il ruolo attivo di soggetto che, informato sul proprio stato di salute, si mostra capace di effetuare scelte consapevoli in ordine alle proprie cure, nel riconoscimento di uno spazio di libertà a garanzia della propria integrità fisica e capacità di autodeterminazione, che può arrivare sino al rifiuto di cure che hanno come effetto ultimo il sacrificio della propria vita.*"

[25] Link: https://www.diritto.it/applicabilita-foro-del-consumatore-all-utente-di-azienda-sanitaria-locale-il-rapporto-tra-medico-privato-e-paziente-e-tra-case-di-cura-convenzionate-e-paziente-e-di-natura-contrattuale-e-puo-esse/ [1 ta' Lulju, 2019].

[26] Ta' min ukoll jara l-opra ta' **ANTONIO LEPRE** bl-isem "La Responsabilità Civile Delle Strutture Sanitarie" (Giuffrè, 2012 p. 47 *et seqq*.) fejn hemm trattat l-argument akkedimiku fid-duttrina forensi tal-fenomenu modern ta' l-assimilazzjoni tal-figura tal-'pazjent' ma' dik tal-'konsumatur'.

pazjent jista' jigi meqjus bhala kwadru (*square*) filwaqt li konsumatur jista' jigi parafikat bhala rettangolu (*rectangle*). Fil-geometrija, kwadru (*square*) huwa necessarjament rettangolu (*rectangle*), izda rettangolu mhux kwadru peress li ta' l-ewwel (*square*) huwa *subset* ta' dan ta' l-ahhar (*rectangle*) imma mhux vice versa. Applikat dan ghas-settur mediko-sanitarju, l-istess principju japplika *mutatis mutandis*, ossia pazjent huwa ultimament konsumatur (f'sens wiesgha tal-kelma) fis-settur tal-"healthcare", izda konsumatur mhux necessarjament pazjent. B'dan kollu qed jinghad illi kull persuna necessitanti kura medika u li tkun qed tircievi tali kura, qed tibbenefika minn servizz u bhala tali ghandha tigi parifikata mal-beneficjarju ta' tali servizz, cioè konsumatur. Wiehed jista' jghid li l-persuna necessitanti kura ma tahsibx dwarha innifisha principalment bhala konsumatur meta titlob tali kura, izda meta l-legam jigi instawrat u s-servizz ikun qed jigi prestat jew meta dan effettivament jinghata, tinholoq awtonomament relazzjoni ohra addizzjonali, *sui generis* u konkomitanti, fejn tali pazjent hu ekwirabbli ghal konsumatur li qed jibbenefika u juzufruwixxi mis-servizz mediko-sanitarju, kemm jekk dan hu servizz pubbliku u kif ukoll jekk huwiex servizz privat.

Ghaldaqstant, u almenu kif jifhimha l-prezenti Tribunal, il-persuna li tehtieg u li tinghata kura jew assistenza medika ghandha tigi denominat kemm "pazjent" (u dan minhabba l-qaghda psiko-fizika taghha li tisfurzaha tfittex, tezigi u/jew tippersegwi kura medika jew ghajuna sanitarja) u kif ukoll, u fl-istess waqt, bhala "konsumatur" (u dan ghax qed tinghata servizz ghal beneficcju taghha). Ghalhekk, dik il-persuna, f'certu cirkostanzi ta' hajjitha, u fl-istess kwadru fattwali (i.e., ta' servizz sanitarju), tista' tigi kunsidrata kemm bhala pazjent (fejn l-intenzjoni primarja hi l-fejqan) u kif ukoll bhala konsumatur (fejn l-ghan primarju huwa l-ghoti ta' servizz tempestiv, idoneju u ta' kwalità).

Illi fid-dawl ta' dak fuq espress, hawnhekk issir referenza ghac-CHARTER TAD-DRITTIJIET U RESPONSABBILTAJIET TAL-PAZJENT pubblikat mill-Gvern fil-21 ta' Novembru, 2016. Dan huwa l-ewwel Charter ta' dan il-generu f'Malta. Ghalkemm mhux statut legislattiv, u *ergo* mhux applikabbli bhala tali, il-kontenut u l-ispirtu tieghu huma xorta wahda rilevanti, validi u meritevoli ta' kunsidrazzjoni.

F'tali Charter hemm, *inter alia*, indirizzat il-mod kif is-servizz tal-kura tas-sahha ghandu jinghata, il-livell ta' kwalità mistennija u z-zmien li fih ghandha tigi pprovduta l-kura fir-rigward tal-urgenza tal-kundizzjoni tal-pazjent. Tali Charter huwa strutturat madwar it-tmien principji li jiffurmaw il-pedament ghall-ghoti ta' servizz tal-kura tas-sahha sikur u gust (illi t-Tribunal mhux ser joqghod jidhol fihom peress li jmorru ferm lil hinn mill-iskop tal-prezenti decizjoni). Izda fil-fehma tat-Tribunal – u almenu minn interpretazzjoni tac-Charter shih da parti tal-prezenti Tribunal – johrog importanti is-segwenti aspett. Minnu johrog illi l-pazjent, filwaqt li tinzamm intatta l-qaghda tieghu bhala persuna neccessitanti kura u trattament mediku, qieghed simultanjament jitlibbes agguntivament b'vesti ferm u ferm analoga ghal dik ta' konsumatur benefikanti minn servizz, dak sanitarju. Infatti, fil-parti tad-definizzjonijiet tac-Charter hemm definit "Pazjent" bhala "***Persuna** li qed tircievi, jew tkun irceviet, attenzjoni medika, kura medika, jew trattament mediku, kemm f'ambjent tal-kura tas-sahha jew mod iehor*" u sussegwentement l-istess Charter jiddefinixxi "Responsabbilitajiet" bhala "*L-obbligu tal-**pazjenti/utenti** lejn is-**servizzi** tal-kura tas-sahha biex dawn jahdmu b'mod efficjenti.*"

Inoltre, fl-introduzzjoni tac-Charter wiehed jaqra illi "*Dan ic-Charter jenfasizza l-livell tas-**servizz** li wiehed jistenna meta jaghmel uzu mis-**servizz** pubbliku tas-sahha. Ic-Charter ghandu l-ghan li jiffacilita r-relazzjoni bejn **min jaghmel uzu mis-servizzi** u **dawk li jipprovdu s-servizzi**. Ic-Charter ghandu l-ghan li jipprovdi mezz li jippermetti li s-**servizz** jahdem b'mod effettiv u jizgura li r-rizorsi jintuzaw b'mod efficjenti*" mentri fid-dahla ghall-principji ewlenin hemm miktub illi, "*Ic-Charter huwa bbazat fuq il-principji li jiffurmaw il-pedament ghall-**ghoti ta' servizz** tal-kura tas-sahha sikur u gust*." Wara epilogu u deskrizzjoni ta' numru ta' Principji tal-Pazjent, fl-gheluq tac-Charter insibu maghdud illi, "*It-tmien principji deskritti f'dan ic-Charter dwar il-pazjenti huma mahsuba biex ikunu l-ghodda li l-pazjenti jirreferu ghalija biex ikunu jafu x'inhuma d-drittijiet taghhom, izda anke biex ikunu konxji mid-dmirijiet u r-responsabbiltajiet taghhom waqt li **jaghmlu uzu mid-diversi servizzi tal-kura** tas-sahha disponibbli fi hdan is-sistema tas-Servizz Pubbliku tas-Sahha. Ic-Charter jiffoka u jippromwovi il-partecipazzjoni tal-pazjent u **jirrikonoxxi lill-pazjenti bhala individwi bi htigijiet diversi u mhux semplicement kundizzjoni medika li jehtieg li tigi trattata**. Ic-Charter jaghti s-setgha lill-**pazjenti u lill-utenti** biex jitolbu **servizzi** ta' kwalità mill-**fornituri tal-kura** tas-sahha kollha*." [enfazi tat-Tribunal]. Minn qari ta' dawn il-brani – u kif ukoll tal-bqija tac-Charter – it-Tribunal jiehu l-impressjoni u illi mplicitament fil-vesti ta' pazjent *ut sic* hemm ukoll introdotta d-dimensjoni ta' "utent ta' servizz" li hija ferm simili ghall-vesti ta' konsumatur kif diga' hawn fuq senjalat. Dan ikompli jsahhah il-fehma tat-Tribunal li persuna li qed tiehu u tinghata kura u/jew li qed tigi somministrata xi trattament mediku, tista' tigi kunsidrata, simultanjament, kemm bhala pazjent u kif ukoll bhala konsumatur.

B'dan kollu maghdud, it-Tribunal ma qedx jghid illi l-konvenut Ray George Neaves – bhala individwu li jidher li kien pazjent ghal xi perjodu fi hdan l-istruttura ta' l-isptar attur – ghandu jigi kkunsidrat bhala konsumatur ai finijiet tar-Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Dicembru, 2012. Li qed jinghad f'dan l-istadju huwa li f'termini generali pazjent jista' jigi kunsidrat bhala konsumatur, izda ghall-applikabilità ta' l-imsemmi Regolament UE hemm ingredjenti specifici u ulterjuri u mhux solament il-kwalifika *in abstracto* ta' persuna *qua* "konsumatur". Li kieku dan kien hekk, ir-Regolament UE kien jghid li konsumatur, f'kull cirkostanza, ghandu jigi mfittex f'pajjizu bla ma jippreskrivi certu kwalifiki, sitwazzjonijiet u eccezzjonijiet, hekk kif effettivament jaghmel. Dan ser jigi muri aktar 'l isfel.

Indirizzati dawn l-aspetti, it-Tribunal ikompli jikkunsidra hekk kif isegwi.

Jibda' billi jinghad illi l-eccezzjoni in kwistjoni – ta' natura perentorja tal-gudizzju[27] – hija kontra l-gurisdizzjoni, cioè ta' inkompetenza assoluta in kuntrast ma' l-inkompetenza relattiva bejn id-diversi Qrati u tribunali domestici. Tramite tali eccezzjoni l-konvenuta tikkontendi li l-qrati u tribunali Maltin ma jistghux jiehdu konjizzjoni tat-talba attrici u dan ghaliex il-materja processwali kellha ssegwi l-post tad-domicilju tal-parti konvenuta u titqanqal fil-forum esteru fejn l-istess konvenut kien domiciljat (i.e., fl-Ingilterra). Din it-tifsira m'hija xejn ghajr l-

[27] Kif inghad *in re* **Carmela armla ta' Joseph Farrugia v. Avukat Dr Grazio Mercieca LL.D. noe** (Qorti tal-Kummerc, 22 ta' Gunju, 1988), "*eccezzjonijiet li huma perentorji biss tal-gudizzju u mhux tal-mertu jitqiesu bhala eccezzjonijiet dilatorji, u ghalhekk jistghu jinghataw biss in limine litis*." Ara wkoll *in re* **Geswalda Saliba v. Mario Galea** (Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 2008) fejn inghad li eccezzjoni perentorja tal-gudizzju (u mhux merament tal-mertu), ghal finijiet ta' l-istadju li fiha kellha tigi sollevata, ghandha titqies bhala eccezzjoni dilatorja u kien jokkorri li titqajjem "in limie litis".

applikazzjoni tal-massima guridika ewlenija li "actor sequitur forum rei" u ta' l-ohra li tipprovdi "ubi te invenio, ibi te convenio". In sostenn tat-tezi taghha l-konvenuta tirreferi ghar-Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Dicembru, 2012 "*dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali (riformulazzjoni).*"

Ir-Regolament EU numru 1215 tat-12 ta' Dicembru, 2012 jemenda r-Regolament KE numru 44 tat-22 ta' Dicembru, 2001 b'effett mill-10 ta' Jannar, 2015. M'hemm l-ebda diverbju bejn il-partijiet illi r-Regolament UE numru 1215 tas-sena 2012 m'hux dak applikabbli f'dan il-kaz, li gie intavolat ferm wara l-2015, senjatament fis-26 ta' Lulju, 2018. Id-diverbju bejn il-kontendenti, kif fuq senjalat, jinsab fil-fatt li skond il-konvenuta n-normi misjuba f'tali Regolament jaghmluha tassattiva li konvenut jigi mfittex fil-qrati tal-post (i.e., tal-iStat Membru) fejn huwa domiciljat (i.e., fl-ingilterra f'dan il-kaz) u dan ghax kien konsumatur ta' servizz, filwaqt li skond l-attrici tali regoli ma japplikawx ghall-fattezzi ta' dan il-kaz u, allura, dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi l-kaz.

Skond ir-*Recital* numru 15 tar-Regolament UE numru 1215 ta' l-2012, "*Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom ikunu prevedibbli ħafna u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut. Il-ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli fuq il-bażi ta' din ir-raġuni ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett tat-tilwima jew ta' awtonomija tal-partijiet ikunu jeħtieġu fattur ta' konnessjoni differenti*." Jidher li r-regoli ta' gurisdizzjoni previsti mill-imsemmi Regolament huma fondati fuq il-principji bazilari li l-gurisdizzjoni ta' enti gudizzjarja hi bazata fuq id-domicilju tal-konvenut, komplimentati minn regoli jew normi ohra dwar gurisdizzjoni specjali jew ta' gurisdizzjoni esklussiva li jidderogaw mill-imsemmi principju generali. Tali eccezzjonijiet johorgu mill-istess Regolament kif kontemplat fit-Taqsima 2 intitolata "Gurisdizzjoni specjali" u fit-Taqsima 6 bl-isem "Gurisdizzjoni eskluziva".

L-Artiklu 4(1) tar-Regolament UE numru 1215 ta' l-2012 jippreskrivi l-principju generali li "*persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru*." L-imsemmi Regolament jipressuponi l-objettiv tac-certezza legali konsistenti fil-fatt tas-salvagwardja u l-protezzjoni ta' persuni stabbiliti fl-Unjoni Ewropea li jigu azzjonati fi procedimenti gudizzjarji fil-qrati ta' pajjizha. L-objettiv ta' l-imsemmi Artiklu 4 jidher li huwa, primarjament, li jipprotegi l-parti konvenuta – li hi kunsidrata bhala l-parti d-dghajfa u/jew l-aktar vulnerabbli fi procediment[28] – u dan ghaliex huwa aktar facli ghall-parti konvenuta li tiddefendi ruhha fil-qrati ta' pajjizha fejn hi domiciljata milli f'gurisdizzjoni ghaliha aljena.[29] Ta' min izid jghid li r-regola preskritta fl-Artiklu 4 hi wahda ta' indoli mandatorja u ma jista' jkun hemm l-ebda deroga minnha hlief ghal dawk is-sitwazzjonijiet jew kazijiet espressament previsti fl-imsemmi Regolament[30] hekk kif rikonoxxut, per ezempju, taht l-Artiklu 19 jew l-Artiklu 23 ta' l-istess Regolament.

---

[28] *vide* Case C-295/95 Farrell v Long [1997] ECR I-1683 u Case C-412/98 Group Josi [2000] ECR I-5925.
[29] *vide* Case C-26/91 Handte v TMCS [1992] ECR I-3967.
[30] *vide* Case C-281/02 Owusu [2005] ECR I-1383.

Issa, it-tieni paragrafu ta' l-Artiklu 18 jistabbilixxi f'termini kristallini illi konsumatur ghandu jigi mfittex mill-parti l-ohra tal-kuntratt solament fil-qrati ta' l-Istat Membru li fih ikun domiciljat il-konsumatur. Min-naha l-ohra, l-ewwel paragrafu ta' l-istess Artiklu jghid li konsumatur ghandu ghazla u cioè illi konsumatur "*jista' jressaq proċedimenti kontra l-parti l-oħra ta' kuntratt fil-qrati tal-Istat Membru li fih tkun domiċiljata dik il-parti jew, irrispettivament mid-domiċilju tal-parti l-oħra, fil-qrati tal-post fejn ikun domiċiljat il-konsumatur*." Dan l-ahhar jedd tal-konsumatur li jiftah proceduri gewwa pajjizu gie maghmul jestendi ukoll kontra l-kummercjanti li huma domiciljati barra mill-Unjoni Ewropea u dan peress li l-ewwel paragrafu jikkontjeni l-frazi "*jew, irrispettivament mid-domiċilju tal-parti l-oħra*". Ghalhekk, fi ftit kliem, f'dan ix-xenarju, id-domicilju tal-kummercjant huwa aspett immaterjali filwaqt li dak tal-konsumatur huwa l-iprem fattur.

Filwaqt li l-Artiklu 18 jitkellem dwar id-dirittijiet fejn jista jfittex u fejn ghandu jigi imfittex il-konsumatur, l-Artiklu 17 jitkellem dwar x'jikkostitwixxi r-relazzjoni bejn kummercjant u konsumatur, ossia dak il-legam li johloq il-kuntratt u r-relattiva gurisdizzjoni dwar kuntratti tal-konsumatur. Dan l-Artiklu jaqra hekk:

*Artikolu 17*

> 1. Fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt konkluż minn xi persuna, il-konsumatur, għal skop li jista' jitqies lil hinn minn negozju jew professjoni tiegħu, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din it-Taqsima, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6 u l-punt 5 tal-Artikolu 7, jekk:
>
> (a) ikun kuntratt ta' bejgħ ta' oġġetti li jitħallsu bin-nifs;
>
> (b) ikun kuntratt għal self li jitħallas bin-nifs, jew għal xi għamla oħra ta' kreditu, magħmula sabiex tiffinanzja l-bejgħ ta' oġġetti; jew
>
> (c) fil-każijiet l-oħra kollha, il-kuntratt ikun ġie konkluż ma' persuna li tinvolvi ruħha f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur jew, bi kwalunkwe mezzi, tidderieġi tali attivitajiet lejn dak l-Istat Membru jew lejn diversi Stati inkluż dak l-Istat Membru, u l-kuntratt jidħol fl-ambitu ta' attivitajiet bħal dawk.

Solament jekk wiehed minn dawn ir-rekwiziti elenkati taht l-Artiklu 17 jigi sodisfatt jista' l-konsumatur jaghmel uzu mir-regola gurisdizzjonali u mizura protettiva taht l-Artiklu 18(2). Ghalhekk, jekk ir-rabta bejn il-partijiet ma taqax f'kuntratt ta' konsumatur kif definit fl-Artiklu 17, il-konsumatur jidher illi ma jistax jinvoka jew jistrieh fuq in-normi gurisdizzjonali fit-Taqsima 4 tar-Regolament UE numru 1215 ta' l-2012.

Huwa vera kif inghad mill-Qrati taghna illi, "*fl-esperjenza forensika, f'kwazi kull process, ghal kull min jezamina l-provi bl-ahjar reqqa, ghandha temergi xi cirkostanza, jew xi serji ta' cirkostanzi, li tispikka fost il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklusiva, tal-kas*" (**Gio Maria Agius v. Giuseppe Agius et**, Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata) izda dan mhux dejjem possibbli, aktar u aktar meta, kif gja' inghad

aktar kmieni, il-provi f'dan il-procediment huma xotti u skarni, kwazi xejn, eccetto ghal sottomissjonijiet legali.[31]

Ghalkemm Ray George Neaves jista', f'termini generici, jigi parifikat ma' konsumatur fid-dawl tad-dibattitu akkademiku fuq deskritt, f'dan il-kaz ma giex muri b'mod sodisfacenti li huwa jikkwalifika bhala tali ghall-ghanijiet tar-Regolament UE numru 1215 ta' l-2012. Dan proprju ghaliex il-parti konvenuta ma rnexxiliex turi li bejn il-partijiet kien hemm dik ir-rabta kuntrattwali (kuntratt ta' konsumatur), partikolari u specifika, skond dak previst fl-Artiklu 17 ta' l-imsemmi Regolament.

Kien jaqa' fuq spallejn il-parti konvenuta li turi l-assunti taghha abbazi ta' l-eccezzjoni minnha sollevata, ossia li f'dan il-kaz turi (u mhux solament tissottometti), *inter alia*, illi l-prezenti kaz kien jitratta dwar kwistjoni li ghandha x'taqsam ma' kuntratt konkjuz minn konsumatur ghal skop li jista' jitqies lil hinn minn negozju jew professjoni tieghu u li tali kuntratt kien jaqa' jew jikkwalifika f'wahda jew izjed mit-tlett sub-paragrafi ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artiklu 17 citat *supra*. Li kieku dan intwera a sodisfazzjoni tat-Tribunal, kieku kien jiskatta dak previst fit-tieni paragrafu ta' l-Artiklu 18 u kieku l-parti konvenuta kien ikollha jedd (u forsi anke ragun) tissottometti li l-prezenti Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni. Madanakollu, dan izda ma sehhx. B'korollarju, kif inhu ormai naturali, "*Il-Qorti ma tistax issostni kongetturu izda biss fatti pruvati*" (*cfr*. **John Cassar et v. London Services Ltd**, Prim'Awla, 17 ta' Gunju, 2019) u inoltre, kif gja' rilevat, "*tribunal b'funzjonijiet gudizzjarji ma jistax, b'ebda logika u sens ta' gustizzja, jikkampa l-gudizzju tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti, kongetturi bla bazi, jew semplici fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi.*" (*cfr.* **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation**, gja' kwotata aktar 'il fuq).

**Ghaldaqstant**, fid-dawl ta' dak hawn fuq kunsidrat, u abbazi tal-materjal lilu fornit dwar din il-materja, it-Tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u jiddikjara li, fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi din il-kawza u, konsegwentement, jordna l-prosegwiment tas-smigh tal-procediment.

Kwalsiasi spejjez u/jew drittijiet gudizzjarji marbuta ma' dan l-episodju huma rizervati ghall-gudizzju finali.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[31] Insibu mghallem illi, "*Kemm-il darba jinghad li Noti ta' Osservazzjonijiet m'ghandhomx iservu la biex jissupplementaw provi li jmisshom ikunu tressqu fl-istadju xieraq tas-smigh tal-kawża u lanqas biex joholqu kontestazzjonijiet jew linji difensjonali godda li ma jkunux gew dibattuti qabel*" (**Josef Farrugia v. Christopher Carabott et**, Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2008).